DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/250

tat-13 ta' Frar 2015

li temenda l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2004/558/KE rigward l-istat ħieles mir-rinotrakeite bovina infettiva tal-Istati Federali tas-Sassonja, tas-Sassonja-Anħalt, ta' Brandenburg, ta' Berlin u ta' Mecklenburg-Vorpommern fil-Ġermanja

(notifikata bid-dokument C(2015) 706)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 9(2) u 10(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 64/432/KEE tistipula r-regoli għall-kummerċ fl-Unjoni tal-annimali bovini. L-Artikolu 9 tagħha jipprevedi li Stat Membru li għandu programm ta' kontroll nazzjonali obbligatorju għal marda waħda mill-mardiet li jittieħdu malajr ħafna elenkati fl-Anness E(II) tagħha, jista' jressaq il-programm tiegħu lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni. Din il-lista tinkludi r-rinotrakeite bovina infettiva. Ir-rinotrakeite bovina infettiva hija d-deskrizzjoni tal-aktar sinjali kliniċi prominenti tal-infezzjoni bil-herpesvirus bovin tat-tip 1 (BHV1). L-Artikolu 9 tad-Direttiva 64/432/KEE jistipula wkoll id-definizzjoni ta' garanziji addizzjonali li jistgħu jintalbu fil-kummerċ fl-Unjoni.

(2) Barra minn hekk, l-Artikolu 10 tad-Direttiva 64/432/KEE jipprevedi li meta Stat Membru jkun tal-fehma li t-territorju tiegħu jew parti minnu jkun ħieles minn waħda mill-mardiet elenkati fl-Anness E(II) ta' din id-Direttiva, dan għandu jippreżenta d-dokumentazzjoni ta' prova rilevanti lill-Kummissjoni. Dan l-Artikolu jipprevedi wkoll id-definizzjoni ta' garanziji addizzjonali li jistgħu jintalbu għall-kummerċ fl-Unjoni.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/558/KE [2] tapprova l-programmi għall-kontroll u l-qerda tal-BHV1 imressqa mill-Istati Membri elenkati fl-Anness I tagħha għar-reġjuni elenkati f'dak l-Anness u li għalihom japplikaw garanziji addizzjonali skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 64/432/KEE.

(4) Barra minn hekk, l-Anness II tad-Deċiżjoni 2004/558/KE jelenka r-reġjuni tal-Istati Membri li jitqiesu li huma ħielsa mill-BHV1 u li għalihom japplikaw il-garanziji addizzjonali skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 64/432/KEE.

(5) Ir-reġjuni kollha tal-Ġermanja, bl-eċċezzjoni tal-Istati Federali tal-Bavarja u ta' Thüringen, attwalment huma elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/558/KE. L-Istati Federali tal-Bavarja u ta' Thüringen tqiesu li huma ħielsa mill-BHV1, u għalhekk qegħdin elenkati fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni.

(6) Il-Ġermanja issa ressqet id-dokumenti li jiġġustifikaw it-talba ta' garanziji addizzjonali skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 64/432/KEE biex l-Istati Federali tas-Sassonja, is-Sassonja-Anħalt, Brandenburg, Berlin u Mecklenburg-Vorpommern jitqiesu li huma ħielsa mill-BHV1.

(7) Wara evalwazzjoni tad-dokumenti ta' appoġġ imressqa minn dak l-Istat Membru, l-Istati Federali tas-Sassonja, tas-Sassonja-Anħalt, ta' Brandenburg, ta' Berlin u ta' Mecklenburg-Vorpommern ma għandhomx jibqgħu elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/558/KE, iżda minflok għandhom jiġu elenkati fl-Anness II tal-istess Deċiżjoni u l-applikazzjoni tal-garanziji addizzjonali skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 64/432/KEE għandha tiġi estiża biex tinkludihom. Għalhekk, l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2004/558/KE għandhom jiġu emendati skont dan.

(8) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2004/558/KE għandha tiġi emendata skont dan.

---

[1] ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/558/KE tal-15 ta' Lulju 2004 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE li tirrigwarda garanziji addizzjonali għan-negozju intra-Komunitarju ta' annimali bovini relatati mar-rinotrakeite bovina infettiva u l-approvazzjoni tal-programmi ta' qerda ppreżentati minn ċerti Stati Membri (ĠU L 249, 23.7.2004, p. 20).

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2004/558/KE qed jiġu mibdula bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS I

Stati Membri	Ir-reġjuni tal-Istati Membri li għalihom japplikaw il-garanziji addizzjonali għar-rinotrakeite bovina infettiva skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 64/432/KEE
Il-Belġju	Ir-reġjuni kollha
Ir-Repubblika Ċeka	Ir-reġjuni kollha
Il-Ġermanja	Ir-reġjuni kollha minbarra l-Istati Federali tal-Bavarja, ta' Thüringen, tas-Sassonja, tas-Sassonja-Anħalt, ta' Brandenburg, ta' Berlin u ta' Mecklenburg-Vorpommern
L-Italja	Ir-Reġjun tal-Friuli-Venezia Giulia Ir-Reġjun tal-Valle d'Aosta Il-Provinċja Awtonoma ta' Trento

ANNESS II

Stati Membri	Ir-reġjuni tal-Istati Membri li għalihom japplikaw il-garanziji addizzjonali għar-rinotrakeite bovina infettiva skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 64/432/KEE
Id-Danimarka	Ir-reġjuni kollha
Il-Ġermanja	L-Istati Federali tal-Bavarja, ta' Thüringen, tas-Sassonja, tas-Sassonja-Anħalt, ta' Brandenburg, ta' Berlin u ta' Mecklenburg-Vorpommern
L-Italja	Il-Provinċja Awtonoma ta' Bolzano
L-Awstrija	Ir-reġjuni kollha
Il-Finlandja	Ir-reġjuni kollha
L-Isvezja	Ir-reġjuni kollha"